2023/2614

20.11.2023

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2614

tal-15 ta' Novembru 2023

li jistabbilixxi għeluq tas-sajd għall-gamblu aħmar fil-baħar Jonju (is-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21 tal-GFCM) għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Italja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 [2] jistabbilixxi l-kwoti għall-2023.

(2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tal-gamblu aħmar fil-Baħar Jonju (is-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21 tal-GFCM) minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati fiha, eżawrew il-kwota allokata għalihom għall-2023.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

L-isforz tas-sajd massimu permissibbli allokat għall-2023 lill-Italja għall-istokk tal-gamblu aħmar fil-Baħar Jonju (is-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21 tal-GFCM) imsemmi fl-Anness għandu jitqies li huwa eżawrit mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord u jsiru rilokazzjoni, trażbord jew ħatt l-art tal-ħut minn dak l-istokk maqbud minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 220).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Nru	15/TQ195
Stat Membru	L-Italja
Stokk	ARA/GF19-21
Speċi	Gamblu aħmar (Aristeus antennatus)
Żona	Il-Baħar Jonju (is-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21 tal-GFCM)
Data tal-għeluq	L-14 ta' Ottubru 2023